KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IS-SEBGĦA (7) LEĠISLATURA

### *Laqgħa Numru Erbgha u Disghin (94)*

***Il-Hamis, 4 ta' April, 2019***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREZENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | EMANUEL VASSALLO |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |
| IL-KUNSILLIERA | MARIANNE SCHEMBRI |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

SEGRETARJU EZEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

**94.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

94.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apologiji

**94.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

94.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 93 li nzammet nhar it-Tlieta, 12 ta' Marzu 2019.

94.2.2 Il-Kunsilliera Miriam Schembri staqsiet dwar ir-Restawr tat-Turretta. Is-Sindku Darren Abela qal li qed ikellem Perit fuq ir-Restawr u se jipprepara l-Bill of Quantities.

94.2.3 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 93 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

94.2.4 **Mozzjoni 94-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha tal-Kunsill Numru 93.
Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius
Il-Minuti Numru 93 gew approvati unanimament.

**94.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 94/2019 – Marzu 2019***

94.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 94-2019 biċ-ċekkijiet numru 6441 sa 6474 li tammonta €16,570.35

94.3.2 Il-Kunsillier Keith Fenech staqsa dwar cheque numru 6460 fejn qal li l-Kunsill kien approva hlas ta' Eur1000 filwaqt li l-organizzatur qed jitlob is-somma ta' Eur 1165. Minhabba li l-attivita' kienet wahda ta' success, il-Kunsill qabel unanimament li ghal din is-sena jithallas l-ammont mitlub, kif ukoll jintalab il-filmat tal-attivita' u r-ritratti.

94.3.3 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet ukoll hlas pagabbli lill-Kunsilier Keith Fenech dwar reklamar li sar fuq il-pagna ta' facebook tal-Karnival Spontanju kif ukoll tar-reklamar li sar s'issa ghall-attivita' tac-Cheese and Wine. L-ammont huwa ta' €488.82. Il-Kunsill approva dan il-hlas.

94.3.3 **Mozzjoni 94-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 94-2019 bl-ammont ta' €16,570.35 kif ukoll ghall-pagamenti imsemmija f'materja numru 94.3.3

Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech

Sekondant: Il-Kunsilliera Miriam Schembri

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 94-2019 giet approvata unanimament.

## 94.4 Attivitajiet f'Jum Hal Ghaxaq

94.4.1 Il-Kunsillier Keith Fenech ikkonferma li d-data tac-Cheese and Wine Festival hija is-27 ta' April 2019. Huwa nforma ukoll li l-posters u l-leaflets gew ipprintjati kollha u se jigu mqassma fil-granet li gejjin.

94.4.2 Is-Sindku Darren Abela informa lill-Kunsill li se ssir wirja ta' pittura fis-sala tal-Kappillan kif ukoll harga ghat-tfal fit-30 ta' April il-Parlament.

94.4.3 Is-Sindku Darren Abela qal li fil-5 ta mejju se jigi inawgurat ukoll il-Monument ta' Zaru l-ghannej. Huma talbuna ukoll jarda konkos ghall-bazi tal-monument. Il-Kunsill qabel.

94.4.5 Il-Kunsilliera Miriam Schembri qalet li l-*comic book* wasal biex ikun lest u qed nippjanaw li ssir attivita fl-ewwel gimgha ta Mejju.

94.4.6 Is-Sindku Darren Abela ppropona li jsir tournament min- Nursery bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill ghall-ispiza ta' €80.

94.4.7 Is-Sindku Darren Abela ppropona li jsir tournament mill-Klabb tal-Bocci bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill ghall-ispiza ta' €100.

94.4.8 Wara diskussjoni dwar il-Premju Gieh Hal Ghaxaq, gie deciz li ghal din is-sena jinghata lis-Sur Anthony Agius li kiteb il-ktieb *L-Isqaq tal-Kappillan*. Il-Kunsill qabel ukoll li jara kemm ghad fadal Kunsilliera li ghadhom qatt ma hadu dan l-unur.

## 94.5 Korrispondenza

94.5.1 Tressqet korrispondenza dwar is-sejha ghall-bejgh tal-garaxx Nru 2, fi Triq ir-Rebbiegha. Il-Kunsill qabel li jissotometti offerta.

94.5.2 Tressqet korrispondenza dwar il-progett pilota ta' l-ismart bins fil-lokal. Il-Kunsill qabel li jressaq it-talba ghal 48 bin.

94.5.3 Tressqet zewg kwotazzjonijiet dwar xiri ta' *bank notes checker* li tammonta ghal Eur289.10. Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni.

94.5.4 Tressqet korrispondenza dwar bdil ta' fanal fi Triq Loretu. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni sakemm l-ispejjez addizzjonali jithallsu mill-persuna li qed tressaq it-talba.

94.5.5 Tressqet korrispondenza dwar it-tnedija tal-Korsijiet tat-TCTC. Din se ssir fil-5 ta' April 2019.

94.5.6 Tressqet korrispondenza sabiex jinghataw sitt kotba ta' 'Ghaxaq u Niesu' lill-iskola biex jinghataw fil-*prize day*. Il-Kunsill qabel.

93.7.7 Wara li gie diskuss fl-ahhar laqgha, it-talba minghand persuna li ghamel xi hsarat fil-karozza minhabba hofra f'Bir id-Deheb, issa pprezenta r-rapport tal-pulizija. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li jirrifondi l-ammont ta' €77 bhala hsarat.

**94.6 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

94.6.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq kwotazzjoni sabiex jittella' hajt tas-sejjieh. Il-kwotazzjoni hija ta' Eur155 bil-VAT inkluza. Din il-kwotazzjoni giet approvata.

94.6.2 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex fi Triq l-Andar il-bicca ta' quddiem il-ground issir bit-tarmac ukoll. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni sakemm l-ispiza ma tkunx taqbez il-Eur5000.

94.6.3 Is-Sindku Darren Abela qal li l-kuntratt tal-patching gie ffirmat u ghaldaqstant qed jipproni li jsir patching madwar ir-rahal li jammonta ghal Eur5000. Il-Kunsill approva.

94.6.4 Is-Sindku Darren Abela ppropona li jitnaddaf il-ground tal-Kappillan. Il-Kunsill qabel li tingieb stima ghat- tindif ta' dan il-ground.

94.6.5 Is-Sindku Darren Abela ppropona li ssir bankina fi Triq Barklor. Il-Kunsill ma qabilx li ssir izda jista jintefa ftit terrapien biex titwitta t-triq.

94.6.6 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex fi Triq il-Gudja titpogga mera quddiem garaxx. Il-Kunsill qabel li nitolbu l-approvazzjoni tat-TM.

94.6.7 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex jinxtara l-hadid ghal billboard fi Triq il-Belt Valletta. Il-Kunsill qabel li jiehu parir minghand il-Perit

**94.7 <u>Mozzjonijiet</u>**

94.7.1 Annessi mal-Minuti

**94.8 <u>Mistoqsijiet u Twegibiet tal-Kunsillieri</u>**

94.8.1 Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo qal li l-*floodlight* ta' faccata tal-Madonna tal-Karmnu mitfija.

94.8.2 Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li twahhlu l-bankijiet fil-Pjazza vicin Triq Dun Guzepp Naudi li dawn qed jistkolaw il-bankina. Is-Sindku qal li se jara u jekk qed jostakolaw, dawn jitnehhew.

94.8.3 Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo qal li fi Triq il-Belt Valletta quddiem Sqaq il-Gebel hemm bzonn li jghaddu pipe tal-ilma. Il-Vici Sindku kompla billi ppropona li quddiem Triq Dun Marcell Mallia jsir culvert. Is-Sindku qal li se jkellem lil Infrastructure Malta.

94.8.4 Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li dwal fi Gnien 2000 rega mhux jixghel. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li jhaddem l-floodlights biss u l-fanali jintfew kollha.

**94.9 <u>Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss</u>**

94.9.1 Il-Laqgha li jmiss giet aggornata ghal nhar it-Tnejn, 29 ta' April, 2019 fl-5.30pm

Il-Laqgha ntemmet fit-8.15pm

| | |
|---|---|
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Ezekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 94**

**Mozzjoni Ref:** 94-01

**Mozzjoni:**

Biex jigu approvati l-Minuti tal-Kunsill Nru. 93

**Keith Fenech**
**Proponent**

**Rose Agius**
**Sekondant**

**Data:** 4 ta' April 2019

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 94**

**Mozzjoni Ref:** 94-02

**Mozzjoni:**

Biex tigi approvata l-iskeda ta' Pagamenti Nru 94

| | |
|---|---|
| **Keith Fenech** | **Miriam Schembri** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

---

**Data:** 4 ta' April 2019

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**